MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Numru 822/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen J. Gatt )**

**vs**
**Stephen Chircop ta‘ 37 sena iben Alfred u Carmen Gauci, imwieled Attard fit-28/05/1966 u joqghod Blossom,**
**Triq Axtarte, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita‘**
**Bin-numru 251666(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Stephen Chircop li gie akkuzat talli fil-15/02/03 gewwa l-Floriana ghall-habta tat-3.00 a.m. b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(a) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta‘ Reginald Cini mill-Belt Valletta, f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu jew gablu disordni f’mohhu, liema offiza hija gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta‘ xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabet sfregju gravi permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta‘ Reginald Cini kif iccertifika Dr I. Molnar MD tal-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 218 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq vettura STV311 Citroen Saxo, b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont
(c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq vettura STV311 Citroen Saxo b’giri aktar milli jmissu.

Rat illi fi stadju ta‘ interrogatorju huwa kien wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali taht liema kien hemm mahsub li tista‘ tinstab htija fil-konfront ta‘ Stephen Chircop u cioe 214, 215, 216, 217, 218, 17(b), 20, 23, 30 533 tal-Kapitlu 9 u l-artikoli 15(1)(2)(3) u l-Avviz Legali 128/94.

Rat illi moqrija l-istess artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjonijiet.
Ikkonsidrat

Illi f’din il-kawza gie allegat illi l-akkuzat ikkaguna feriti ta‘ natura gravu fuq il-persuna ta‘ Reginald Cini. Dan jirrizulta mix-xhieda stess ta‘ Cini li jispjega li wara glieda li kellu ma‘ l-akkuzat huwa spicca ferut f’subghajh ghax fuqu kellu gidma u spicca mcarrat. Jghid li dam jaghmel treatment ghal xi sitt gimghat gewwa l-isptar. Ghamel referenza ghal kopja ta‘ certifikat esebit bhala Dok SG2 folio 39. Minn dan ic-certifikat ghalkemm mhux car jidher

li Cini sofra frattura f'subghajh –konsegwentement tali griehi huma gravi.

Illi jirrizulta pero' mix-xhieda ta' Rita Chircop mart l-akkuzat li kien Reginald Cini li fil-fatt attakka lil zewgha dan ghal darba tnejn anke quddiem il-pulizija. Tghid li tant bezghet minn dan l-attakk illi sahansitra talbet lill-pulizija biex idahhluha fil-vettura taghhom.

Ikkonferma l-istess PC 594 illi Cini waqqaf bil-karozza hdejhom u hdejn il-vettura misjuqa minn Chircop, u quddiemhom beda jxejjer idejh f' wicc Chircop. Dan l-argument quddiem il-Pulizija gie kkonfermat anke minn PC 272 Farrugia.

Ikkonsidrat

Illi bla dubju ta' xejn sehhet glieda bejn Chircop u Cini, liema glieda bdiet gewwa Paceville. Jirrizulta wkoll illi l-istess Cini reggha nizel ghal Chircop meta dan kien qed jitkellem mal-Pulizjia. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-fatt mill-provi prodotti huwa aktar pruvat li Cini weggha ghaliex fi glieda li donnu beda hu, Chircop spicca ddefenda lilu nnifsu.

Illi in vista ta' hekk ma ssibx htija da parti ta' Stephen Chircop anke in vista tal-provi skarsi li gew mressqa u qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------